SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 3309**

Illum it-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2009
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fil-5.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3209 li saret nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2009 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-25 ta' Settembru 2009 u s-26 ta' Ottubru 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1354/09/09 – Aragonese Association of Local Authorities - ittra ta' ringrazzjament
- 1264/09/09 – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Measure* 323
- 1267/09/O – Heritage Superintendance – *"Proof of Ownership"*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1470/09/I – *Sunday Circle Almanac – Advertising Garden of Serenity*
- 1287/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 57/2009: Rimi ta' skart imħallat fil-*landfill*
- 1242/09/I – Wink Productions – *Publications*
- 1262/09/I – Resident – Sewqan perikoluż fi Triq il-Peprin
- 1264/09/I – Mepa – *Urban Impovement Fund*
- 1271/09/I – Malta Olympic Committee – *MOC Sports Awards*
- 1286/09/I – Malta Council of Culture and the Arts – *Cultural Calendar January – March* 2010
- 1349/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 65/2009: Att Nru XVI tal-2009 Avviż ta' Bidu fis-Seħħ
- 1366/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Measure* 323 *Conservation and upgrading of the Rural Heritage*

## 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- Rapport Dwar Effiċjenza tal-Kunsill Lokali (perjodu Diċembru 2008 – Marzu 2009)
- *Memo* SLLC 20/2009 – Pedestal għall-Monument

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1470/09/I il-Kunsill qabel li għal din is-sena ma jirreklamax Ġnien is-Serenita' fuq is-*Sunday Circle Almanac.*

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1287/09/I u bin-numru 1349/09/I is-Sindku qara *memo* 57/2009 dwar ħlas għal rimi ta' skart u *memo* 65/2009 dwar Avviż ta' Bidu fis-seħħ tal-maġġor parti tal-artikli tal-Att XVI tal-2009.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1242/09/I il-Kunsill ma laqgħax it-talba ta' Wink Productions biex il-pubblikazzjonijiet tagħhom jitħallew għall-attenzjoni tal-pubbliku fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1262/09/I il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-problema ta' periklu tat-traffiku fi Triq il-Peprin. Is-Sindku tkellem dwar sistema ta' kontroll tal-*overspeeding* li ra waqt li kien qiegħed l-Ingilterra. Il-Kunsill qabel li jipproponi lil ADT biex ir-*rubber hump* li hemm quddiem il-*gate* ta' l-*Isculpture Garden* titneħħa u minfloka tiġi ntrodotta din is-sistema li qed jipproponi s-Sindku tul it-triq kollha. Il-perit tal-Kunsill għandu jintalab iħejji l-pjanti kollha ħalli tkun tista' titressaq din il-proposta quddiem l-ADT.

***3.5*** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1264/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-UIF Committee approva t-talba tal-Kunsill biex bil-fondi allokati lil lokalita' ta' Santa Luċija taħt il-*UIF Fund* jinxtraw bankijiet bl-imwejjed għal *Picnic Area.*

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1271/09/I il-Kunsill qabel li jerġa' jipparteċipa fil-*MOC Awards* tal-Malta Olympic Committee.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1286/09/I is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill li kienu ġew mitluba jippreparaw skeda ta' l-attivitajiet li kien bi ħsiebhom jorganizzaw bejn Ottubru 2009 u Ġunju 2010. Huwa qal ukoll li x-xahar ta' Diċembru għandu jitħalla għall-attivitajiet marbutin mal-festa tal-Milied u s-Sena l-Ġdida.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Measure 323*

Is-Sindku rrefera għall-ittra (Ref: 1246/09/O) li l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni għal fondi taħt *Measure* 323 *Conservation and Upgrading of the Rural Heritage*. Fl-ittra msemmija l-Kunsill semma d-diffikultajiet li qed jiltaqa' magħhom il-Kunsill biex ikun f'pożizzjoni li jissottometti dokumenti (*supporting documents),* fi żmien stipulat, li qed jintalab mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rural. Fost dawn id-dokumenti hemm *Sanction Letter* mill-Bank, permess tal-Mepa fir-rigward t' applikazzjoni għall-iżvilupp u restawr ta' sit arkeoloġiku u *Proof of Ownership* tal-post imsemmi. Bi tweġiba l-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill jeħtieġ ikollu *Proof of Ownership* u permessi tal-Mepa biex tkun tista' tittieħed konsiderazzjoni dwar is-*Sanction Letter* mill-Bank. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jibqa' jaħdem fuq l-applikazzjoni tal-Mepa u l-*Proof of Ownership*.

### 4.2 *Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said*

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu ma' l-Onor. Chris Said. Issemmew xi proġetti li għandhom ikunu fuq l-aġenda għal din il-laqgħa fosthom dak taċ-Ċentru Ċiviku u dak tal-latrina pubblika.

### 4.3 *Skemi ġodda dwar ilmenti indirizzati lid-Dipartiment għal Bini u Kostruzzjoni ta' Djar*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-ilmenti indirizzati lid-Dipartiment għal Bini u Kostruzzjoni ta' Djar m'għadhomx jistgħu jsiru bis-sistema tal-*Customer Care* mill-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li minn informazzjoni li ġabar il-Kunsill bit-*telephone* jidher li hemm skemi ġodda ta' kif jitwasslu l-ilmenti tar-residenti li joqogħdu fi djar propjeta tal-Gvern. Huwa qal li s' issa l-Awtorita' tad-Djar ħarġet żewġ skemi: Skema SM li hija applikazzjoni fuq xogħolijiet ta' strutturi perikolużi u Skema I li hija applikazzjoni fuq sussidju fuq xogħolijiet ta' rranġar fi djar privati u propjeta tal-Gvern. Huwa qal li biex wieħed japplika għal dawn l-iskemi irid iħallas €20.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 2802 sa numru BOV 2817 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Settembru (CM33(01).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 3209.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Central District Office | LCCU | 30168 | 1449.38 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | 11909 | 1349.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM/ES Sept.09 | 40.56 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM Mayor Sept.09 | 135.82 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM PABX Sept.09 | 67.30 |
| Cleansing Serv.Dept. | PC57 | Serv. for Sept.09 | 491.35 |
| Cleansing Serv.Dept. | PC57 | Extra Serv. Sept.09 | 352.00 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | Serv. for Sept.09 | 2466.66 |
| Ronald Bezzina | SS 57/09/01 | Serv. for Sept.09 | 1131.53 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. for Sept.09 | 2061.50 |

## 6. KUNTRATT ĠBIR TA' SKART

Il-Kunsill iddiskuta s-sistema ta' ġbir ta' skart domestiku preżenti biex jevalwa l-andament tagħha l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart. Ġie nnutat li hemm residenti li qed jinjoraw il-ħinijiet stabbiliti mill-Kunsill u qed joħorġu l-iskart fi x'ħin iridu u jpoġġuh fejn iridu wkoll. Ġew identifikati ż-żoni l-aktar milquta' b'dan l-aġir abbużiv. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul u saru diversi suġġerimenti. Il-Kunsill qabel li għandu jsir tentattiv ieħor biex min qed jabbuża jiġi penalizzat. Għaldaqstant għandu jinkera servizz ta' *green warden*, identifikat mill-Kunsill, għal għaxar siegħat f'ġurnata li għandu jibqa' f'post wieħed mis-6.00a.m sa l-4.00p.m biex min qed jabbuża jinqabad fil-fatt u jiġi mħarrek mill-ewwel.

## 7. RAPPORT – ŻJARA FL-LUMPIAQUE FI SPANJA

Is-Sindku rrefera għaż-żjara li l-Kunsill flimkien ma' numru ta' residenti għamlu f'Lumpiaque bħala parti mill-proġett *"Europe for Citizens"*. Huwa qal li dan il-proġett kien suċċess u ta l-opportunita lil numru ta' residenti minn Santa Luċija biex iżuru pajjiż ieħor fl-Unjoni Ewropea u jitħaltu ma' nies b'kulturi u tradizzjonijiet differenti minn tagħna. Huwa qal li fl-Lumpiaque, id-delegazzjoni minn Santa Luċija kienet milqugħa tajjeb ħafna u għamlu minn kollox biex din iż-żjara tkun waħda memorabli għal min jattendi. Is-Sindku semma wkoll ittra li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn b'referenza għal ġemellaġġi, il-Kunsill qed jintalab jgħid x'inizjattivi ttieħdu f'dawn l-aħħar sentejn u l-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena li ġejja. Huwa qal li l-Kunsill ġedded il-wegħda li flimkien mal-muniċipalita' ta' Gabiano fl-Italja u Lumpiaque fi Spanja ikompli jaħdem għal ġid tat-tlett komunitajiet iffinanzjati mill-*Europe for Citizens Programme*. Huwa semma wkoll prosposta biex żewġ toroq f'Santa Luċija jissemmew għal Muniċipalita' ta' Gabiano u Lumpiaque bħala signifikat ta' dawn iż-żewġ ġemellaġġi.

Is-Sindku rrefera wkoll għall-ispiża fuq din l-inizjattiva u qal li din filfatt kienet ħafna anqas minn dak antiċipat, peress li l-membri tal-Kunsill li pparteċipaw irritornaw lil Kunsill kważi s-*subsistance allowance* kollha.

## 8. XOGĦOLIJIET

### 8.1 *Latrina Pubblika*

Il-Kunsill ġie nfurmat li kien ħareġ il-permess tal-Mepa biex tinbena latrina pubblika fil-*Playing Field Area*. Ġie deċiż li l-perit tal-Kunsill għandu jintalab ilesti stima ta' dan il-proġett.

## 8.2 *Xogħol ta' manutenzjoni fil-Playing Field*

Is-Sindku qal li hemm bżonn isir xogħol ta' manutenzjoni fuq ir-*rubber matting* tal-*Playing Field* peress li dan inxtorob u għandu bżonn jinbidel.

## 8.3 *Xiri ta' Siġar*

Is-Sindku qal li l-Kunsill xtara mitt siġra (*Fir Trees*) bi prezz tajjeb. Il-Kunsill qabel li dawn is-siġar jinżergħu mal-bordura tal-*Jogging Track.*

## 8.4 *Skema ta' l-ETC: Xogħol fil-Komunita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar ix-xogħol ta' tindif li qed isir miż-żewġ ħaddiema ta' l-ETC li bħalissa qiegħdin assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema hawn fuq imsemmija. Il-Kunsilliera Caroline Galea ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn titnaddaf l-*area* fejn l-*Aviation Garden* f'Wied Garnaw.

## 8.5 *Xogħol ta' Manutenzjoni u Żbir ta' Siġar*

Il-Viċi Sindku staqsa meta ser isiru żewġ *pots* quddiem iż-żewġ entraturi tal-blokk fi Triq iċ-Ċinerarja. Huwa semma wkoll ir-rampa li hemm f'Post il-Gladjoli li ma tistgħax tintuża sew peress li quddiema saret *parking bay.* Semma wkoll il-bżonn li tinżebaħ il-bankina f'Misraħ Dorell, quddiem il-ħwienet u jsir ukoll żbir ta' siġar li hemm f'din il-Pjazza.

Is-Sindku qal li għandu jiġi l-*forman* ta' l-ELC Ltd. dwar żbir ta' siġar fi Triq il-Ġnien b'mod partikolari quddiem blokk 4. Dwar ir-rampa ta' Post il-Gladjoli ġie deċiż li din għandha ssir bil-*hatching* biex fiha ma jsirx *parking.*

## 8.6 *Tabelli tal-Lokalita'*

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mill-Koptasin għal erba' tabelli tal-lokalita'. Huwa qal li din il-kwotazzjoni ser tintbagħt lil kumpanija Atlas Insurance li wrew interess li jisponsorjaw dawn it-tabelli.

## 8.7 *Bus Shelters*

Il-Kunsill innota suġġeriment li sar minn residenta biex il-ħinijiet tar-rotot tat-trasport pubbliku jkunu fuq il-*bus shelters* u li jkun hemm xi forma ta' trasport għal Raħal Ġdid. Is-Sindku qal li dawn is-suġġerimenti ser jiġu ndirizzati bis-sistema l-ġdida tat-trasport pubbliku.

**9. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2009 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IL-ĠIMGĦA,
20 **ta'** NOVEMBRU **2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**